MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 80/2012

**Henry Grogan**

**[ID NRU 328884 M]**

**Luke Muscat**

**[ID NRU 530689 M]**

**VS**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Henry Grogan u Luke Muscat tad-29 ta’ Novembru 2012, li jaqra hekk:

*“Illi l-esponenti jinsabu ghaddejjin proceduri kriminali quddiem il-Qorti Kriminali, fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Henry Grogan et** Att ta' Akkuza Numru 7/2012, akkuzati inter alia b'assoccjazzjoni ma' terzi sabiex tigi ittraffikata id-droga cannabis;*

*Illi f'dan il-process il-prosekuzzjoni inizzjat proceduri kontra ir- rikorrenti wara li l-pulizija investigattiva ikkonduciet controlled delivery, liema controlled delivery giet ghal kollox instigata ab initio mill-pulizija investigattiva, b'dana illi l-istess pulizija ezekuttiva agixxew ta' agent provocateurs sakemm eventwalment ir-rikorrenti gew 'entrapped' u konsegwentement gew inizzjati dawn il-proceduri.*

*Illi in effetti il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **<u>Teixeira De Castro vs Portugal</u>** deciza nhar id-9 ta' Gunju 1998 irriteniet illi:*

> *"use af undercover agents had to be restricted and safeguards put in place even in cases concerning fight against drug trafficking – public interest could not justify use of evidence obtained as a result of police incitement'*
>
> *In case before Court not contended that officers' intervention had taken place as part of anti-drug-trafficking operation ordered and*

> *supervised by a judge -competent autorities did not have good reason to suspect that applicant was a drug trafficker – necessary inference from the circumstances of case was that two police officers had not confined themselves to investigating applicant's criminal activity in an essentially passive manner, but had exercised an influence such as to incite commission of offence. Two police officers' actions had gone beyond those of undercover agents - their intervention and its use in the impugned criminal proceedings had meant that, right from outset, applicant had been definitively deprived of fair trial."*

*Illi minhabba fil-premess ir-rikorrenti jikkontendu illi gew lezi lilhom d-drittijiet fundamentali taghhom kif kontemplati fl-artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi tali asserzjoni giet ikkonfermata fis-sentenza* ***Regina vs Loosely*** *moghtija mill-House of lords nhar il-25 ta' Ottubru 2001 fejn gie ritenut hekk:*

*Lord Nicholls of Birkenhead*

*These statutory and common law developments have been reinforced by the Human Rights Act 1998. It is unlawful for the court, as a public authority, to act in a way which is incompatible with a Convention right. Entrapment, and the use of evidence obtained by entrapment ('as a result of police incitement'), may deprive a defendant of the right to a fair trial embodied in article 6: see the decision of the European Court of Human Rights in Teixeira de Castro v Portugal (1998) 28 EHRR 101.*

*Accordingly, one has to look elsewhere for assistance in identifying the limits to the types of police conduct which, in any set of circumstances, are acceptable. On this a useful guide is to consider whether the police did no more than present the defendant with an unexceptional opportunity to commit a crime. I emphasise the word unexceptional. The yardstick for thc purpose of this test is, in general, whether the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances. Police conduct of this nature is not to be regarded as inciting or instigating crime, or luring a person into committing a crime. The police did not more than others could be expected to do. The police did not create crime artificially. McHugh J had this approach in mind in Ridgeway v The Queen (1995) 184 CLR 19, 92, when he said:*

*'The State can justify the use of entrapment techniques to induce the commission of an offence only when the inducement is consistent with the ordinary temptations and stratagems that are likely to be encountered in the course of criminal activity. That may mean that some degree of deception, importunity and even threats on the part of the authorities may be acceptable. But once the State goes beyond the ordinary, it is likely to increase the incidence of crime by artificial means.'*

*This is by no means the only factor to be taken into account when assessing the propriety of police conduct. The investigatory technique of providing an opportunity to commit a crime touches upon other sensitive areas. Of its nature this technique is intrusive, to a greater or lesser degree, depending on the facts. It should not be applied in a random fashion, and used for wholesale 'virtue-testing', without good reason. The greater the degree of intrusiveness, the*

*closer will the court scrutinise the reason for using it. On this, proportionality has a role to play.*

*The case of Teixeira de Castro a Portugal (1998) 28 EHRR 101 concerned a conviction for trafficking in heroin, based mainly on statements of two police officers. The European Court of Human Rights held that the necessary inference from the circumstances was that these officers had 'exercised an influence such as to incite the commission of the offence'. The court concluded there had been a violation of the applicant's right to a fair trial under article 6(1). The court's statement of principle, at p 115, in para 36, is not divergent from the approach of English law. I agree with the observations of my noble and learned friend Lord Hoffmann on the court's application of that principle to the facts of that case.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jidhrilhom, illi l-controlled delivery fil-kaz in desamina , liema procedura giet ab initio instigata mill-Istat u kondotta fil-konfront taghhom hija leziva tad-drittijiet taghhom a tenur ta' l-artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-evidenza li rrizultat mill-istess ghandha addirittura tigi sfilzati mill-process Repubblika ta' Malta vs Henry Grogan et att ta' akkuza numru 7/2012;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-'entrapment' illi sehh permezz ta' controlled delivery fil-konfront taghhom hija leziva tad-drittijiet ta' l-esponent kif sanciti fl-artikli u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta konsegwentement tordna l-isfilz ta' l-evidenza kollha illi emergiet mill-istess controlled delivery salv kull provvediment xieraq u opportun."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotorju d-digriet u l-avviz tas-smiegh kienu debitament notifikati lill-intimat;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-21 ta' Dicembru 2012 ( a fol. 11 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament, ir-rikors kostituzzjonali mressaq mir-rikorrenti ma jidhirx li jissodisfa l-htigijiet li hemm imsemmija fir-**regolament 3 (1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti u l-Bon Ordni (Legislazzjoni Sussidjarja 12.09)** u dan specifikament billi l-istess rikorrenti ma fissrux b'mod car il-fatti li minnhom inholoq l-ilment kostituzzjonali / konvenzjonali imqanqal minnhom. Kemm hu hekk, ghajr ghal fatt li huma fil-prezent jinsabu ghaddejjin minn proceduri kriminali minhabba reati marbuta mal-abbuz tad-droga, huma ma jsemmu xejn iktar dwar il-fatti li wassluhom biex jigu mixlija l-Qorti;*

2. *Illi maghdud ma' dan, ir-rikorrenti lanqas ippruvaw jidentifikaw b'liema mod il-pulizija wettqet din il-konsenja kontrollata u lanqas jispjegaw kif il-pulizija ezekuttiva suppost ipprovokathom jew ahjar 'laghbithom' biex iwettqu xi reat. Tabilhaqq imbilli r-rikorrenti ghogobhom jisiltu b'mod estensiv xi partijiet minn xi sentenzi esteri, dan ma jfissirx illi l-fattispecji ta' dawk il-proceduri huma identici mal-proceduri kriminali fejn hemm involuti r-rikorrenti. Ghalhekk qabel ir-rikorrenti setghu jirrikorru ghat-taghlim imnissel minn dawk is-sentenzi huma kellhom qabel xejn ifissru b'liema mod huma qed ixebbhu l-proceduri taghhom ma' dawk li sehhew barra minn Malta;*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent jemmen li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ghal kollox intempestiva. Dan ghaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis- sentenza* ***Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Generali*** *maqtugha fis-16 ta' Marzu 2011, ladarba f'dan il-kaz il-process kriminali ghadu ma giex mismugh u mitmum, s'issa*

*ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi huma sejrin jigu zvantaggjati waqt is-smiegh taghhom. Tassew wiehed tabilfors jistaqsi, kif ir-rikorrenti jistghu jishqu li huma m'humiex ha jkollhom smiegh xieraq meta l-guri taghhom ghadu lanqas biss inbeda u l-prosekuzzjoni ghadha lanqas biss ressqet il-provi taghha kontrihom? Jigi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrenti jigi diksuss u trattat in vacuo u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha;*

4. *Illi f'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smiegh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u* ***l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni****, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smiegh xieraq imqanqal mir-rikorrenti jista' jigi biss ezaminat ladarba l-process kriminali taghhom jigi konkjuz;*

5. *Illi subordinatament minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, ankorke wiehed kellu jidhol fuq il-mertu tal-ilment rikorrenti, jissokta jinghad li l-artikolu* ***39 tal-Kostituzzjoni*** *japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti (ara inter alia s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) fl-ismijiet i****r-Repubbblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco*** *deciza fil-15 ta' Novembru 2011). Infatti anke proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Istruttorja mhumiex milquta mill-artikolu* ***39 tal-Kostituzzjoni*** *(ara* ***Anthony Zarb et vs Ministru tal-Gustizzja et*** *– Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Ottubru 2002). F'dan il-kaz, l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett fil-konfront ta' perijodu fejn kienet ghadha ghaddejja l-investigazzjoni min-naha tal-Pulizija. Ghalhekk ladarba c-cirkostanzi kkontestati mir-rikorrenti jmorru lura ghal grajjiet li sehhew qabel ma kieni lahqu nbdew xi procedimenti kontrihom, allura dan ifisser li l-ilment taghhom ma jistax jaqa' fl-ambitu tal-****artikolu 39 tal-Kostituzzjoni****. Ghalhekk safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq dan l-artikolu, l-istess ghandu jigi michud;*

6. *Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jolqot l-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea****, jigi sottomess li l-fatt biss li kien hemm 'a controlled delivery'*

*ma jgibx b'daqshekk ksur tal-jedd tas-smiegh xieraq. F'dan il-kuntest huwa siewi li jigi rilevat li stratagemmi konsistenti minn operazzjonijiet ta' kunsinnji kkontrollati u uzu ta' agenti provokaturi li permezz taghhom il-pulizija jikxfu atti kriminali, dawn m'humiex minnhom infushom in vjolazzjoni tal-jedd ta' smiegh xieraq. Huwa biss meta jigi muri b'mod konvincenti li r-reat ma kienx ser jigi mwettaq li kieku ma kienx ghal dak l-intervent tal-agent provokatur, li min-naha tieghu jkun induca lill-individwu biex iwettaq reat, li wiehed ikun jista' jipprospetta sitwazzjoni ta' lezjoni tal-jedd tas-smiegh xieraq. Diversament jekk l-individwu koncernat xorta kellu l-hsieb li jwettaq dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-agent allura f'dak il-kaz ma hemmx kaz ta' 'entrapment' li jista' jwassal ghal ksur tal-jedd ta'smiegh xieraq billi ma kienux l-agenti provokaturi l-fattur determinanti li induca lil dak l-individwu biex jikkommetti r-reat;*

7. *Illi fil-kaz in ezami bla ma jidhol fuq il-kwistjoni dwar il-htija o meno tar- rikorrenti anke minhabba li l-proceduri kriminali taghhom ghadhom sub judice, l-esponent jissottometti li mhuwiex minnu li waqt l-investigazzjoni, il-pulizija hadmuha bhala xi 'agents provacatuers' .*

*Jirrizulta li l-pulizija kienet giet infumata minn terza persuna, certu Anthony Calleja, li r-rikorrent Henry Grogan kien qallu li huwa kien lest li jaqdih b'ammont sostanzjali ta' raza tal-kannabis. Minn investigazzjoni u osservazzjoni mwettqa mill-Pulizija fuq Henry Grogan irrizulta li kien hemm indizji ragonevoli li kienu jindikaw li dik l-informazzjoni mghoddija lilhom setghet kienet korretta. Ghalhekk il-Pulizija kisbu l-awtorizzazzjoni mehtiega minghand il-Magistrat tal-Ghassa sabiex huma jkunu jistghu jwettqu kunsinja kontrollata skont l-artikolu **30B tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta**. Minn hemmhekk, taht is-supervizjoni u osservazzjoni tal-Pulizija, Anthony Calleja dahal f'negozjar ma' Henry Grogan biex jixtri d-droga. Eventwalment meta Henry Grogan fil-kumpanija tar-rikorrent l-iehor Luke Muscat marru biex jaghtu u jikkonsenjaw id-droga lil Anthony Calleja fil-post miftiehem bejniethom, dawn inqabdu u gew arrestati mill-Pulizija u aktar tard mressqa l-Qorti.*

*Fl-isfond ta' dawn il-fatti, johrog car li mhijiex veritjiera l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-ufficjali tal-pulizija b'xi mod instigawhom jew hajruhom biex huma jaslu jwettqu r-reati li issa qeghdin jigu mixlija bihom quddiem il-Qorti Kriminali. Infatti l-ftehim tax-xiri tad-droga ma sarx ma' xi membru tal-korp tal-Pulizija jew ma' xi informatur regolari tal-pulizija izda sehh ma' terza persuna ossia Anthony Calleja, li Henry Grogan kien diga avvicinah biex ibieghlu d-drogi. Jigifieri din l-attivita' kriminali ma tnisslitx b'xi koincidenza izda kienet imbassra li ssehh mir-rikorrent Henry Grogan.*

*Multo magis imbaghad, irid jinghad li fir-rigward tar-rikorrent Luke Muscat, fi zgur ma kien hemm l-ebda agent provokatur ghaliex l-involviment tieghu f'din l-affari kriminali kienet wahda assolutament volontarja minghajr l-intervent ta' hadd, lanqas minn Anthony Calleja. Ghalhekk fil-kaz tieghu wiehed zgur ma jistax jitkellem fuq xi 'entrapment'.*

*Tabilhaqq il-fatt biss li l-pulizija kienu qeghdin izommu taht ghajnejhom din il-konsenja tad-droga ma jfissirx b'daqshekk li huma kienu qeghdin jahdmuha ta' agenti provokaturi jew li b'xi mod pruvaw iwaqqghu lir-rikorrenti f'lixka ingustifikata. Propriju f'dan il-kaz, il-pulizija kienu qeghdin biss josservaw bir-reqqa l-passi ta' Anthony Calleja li kien informa precedentement lill-Pulizija li huwa kien gie kkuntattjat minn wiehed mir-rikorrenti biex jghaddilu d-droga.*

*F'din il-qaghda ghalhekk il-pulizija b'ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala l-*

*fattur determinanti li wassal lir-rikorrenti biex jesponu ruhhom ghal proceduri kriminali skont l-Att ta' Akkuza bin-numru 7/2012. Dan ghaliex ir-rikorrent Henry Grogan kien diga predispost minn qabel u kellu l-hsieb li jbiegh id-droga lil Anthony Calleja filwaqt li r-rikorrent l-iehor Luke Muscat ma kien instigat minn hadd biex huwa jippartecipa fil-bejgh tad-droga.*

8. *Illi fuq kollox b'riferenza ghal kazijiet ta'* ***Teixeira de Castro vs. Il-Portugall*** *u ta'* ***Veselov u ohrajn vs. Ir-Russja****, li gew iccitati mir-rikorrenti, tajjeb li jinghad li f'dan il-kaz il-konsenja kontrollata kienet awtorizzata u sanzjonata minn Magistrat lnkwirenti u mhux minn korp amministattiv, kif hekk kien il-kaz fiz-zewg kazijiet imsemmija mir-rikorrenti. Barra minn hekk, biex dawn is-sentenzi jkunu jistghu jghoddu ghal kaz taghhom, ir-rikorrenti jrid isehhilhom juru fl-ewwel lok li l-pulizija ma kellhomx ragunijiet tajba biex jissuspettaw hazin fir-rikorrenti li huma kienu qeghdin jinnegozjaw bid-droga u fit-tieni lok li l-intervent tal-pulizija (jekk kien hemm) ma kinitx konfinata biss ghall-investigazzjoni tal-attivita kriminali izda kienet mirata biex tqanqal influwenza u incitament biex ikun hemm il-kommissjoni tar-reat min-naha taghhom. F'dan il-kaz kif fuq spjegat il-Pulizija kellhom suspett ragonevoli li r-rikorrent Henry Grogan kien qed jinvolvi ruhu fil-bejgh tad-drogi, tant li l-Pulizija kisbu l-awtorizzazzjoni mill-Magistrat Inkwerenti biex iwettqu konsenja kkontrollata fil-konfront tieghu. Oltre minn hekk, il-kommissjoni tar-reat ma sehhx bl-intervent dirett tal-Pulizija. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ma jistghux jistriehu fuq dawn is-sentenzi;*

9. *Illi hekk ukoll is-sentenza* ***Regina vs. Loosely*** *imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors ma hijiex ta' fejda ghalihom. Anzi bl-oppost din iddur kontra taghhom, peress li lil hinn mill-konsiderazzjoni li ma kien hemm l-ebda forma ta' 'entrapment' min-naha tal-Pulizija, huwa siewi li jigi rrimarkat li f'dan il-kaz,'the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances'. Tassew l- imgieba tal-Pulizija f'dan il-kaz ma tistax tigi meqjusa bhala li incitat jew instigat it-twettiq ta' xi reat;*

10. *Illi ghalhekk lanqas ma jirrizulta li kien hemm ksur tal-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,***

11. *Illi fl-ahharnett dejjem minghajr hsara ghal dak kollu li ntqal aktar 'il fuq, l-esponent ma jaqbilx mar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, jigifieri dak tal-isfilz ta' xi*

*evidenza li tinsab fl-atti tal-process kriminali. Dan ghaliex anke jekk ghal gieh tal-argument biss jinstab li r-rikorrenti garrbu lezjoni tal-jedd ta' smiegh xieraq taghhom, haga li l-esponent assolutament ma jaqbilx, din l-Onorabbli Qorti kemm jista' jkun m'ghandhiex tintrometti ruhha fil-process kriminali u kwindi ghandha thalli f'idejn il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali biex tqis u tevalwa s-siwi u l-ammissibilita' tal-provi kollha migjuba quddiemha fil-kawza kriminali;*

12. *Illi b'zieda ma'dan, kif gie mfisser dan l-ahhar mill-Qorti Kostituzzjonali fis- sentenza* ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali*** *tat-8 ta' Ottubru 2012, il-jedd li jaghtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smiegh xieraq. Ma hemm ebda jedd li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza,jew li, minhabba xi irregolarita', tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu. Jigi b'hekk, li fic-cirkostanzi r-rimedju tal-isfilz mitlub mir-rikorrenti mhuwiex wiehed indikattiv;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tal-25 ta' Novembru 2013 ( a fol. 88 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-atturi tas-16 ta’ Jannar 2014 ( a fol. 100 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi tat-23 ta’ Frar 2015 (a fol. 799 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Generali tal-4 ta’ Marzu 2015 (a fol. 807 et seq.);

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawza;

Rat il-verbal tat-28 t’April 2015 illi fih l-Avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom xejn xi jzidu man-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda ta’ Norbert Ciappara ( Vide fol.38 et seq,) jirrizulta illi huwa kien inizja proceduri kriminali kontra certu Anthony Calleja fl-2008. Fil-mori ta’ dawk il-proceduri, kien gie avvicinat mill-Avukat difensur ta’ Calleja, li informah li Calleja kien lest li jaghtih informazzjoni, fuq terz li allegatament kien lest jissuplixxi raza ta’ kannabis.

Sussegwentement Anthony Calleja kellem lis-Supretendent Ciappara u tah l-informazzjoni fuq Henry Grogan.

Din l-informazzjoni kienet fis-sens li Grogan kien qal lil Calleja li jekk jrid jista' jissuplixxih b'raza tal-kannabis.

Supretendent Ciappara talab u kiseb l-awtorizzazzjoni ghal- *controlled delivery* taht l-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke fl-20 ta' Jannar 2010. Supretretendent Ciappara xhed li il-Pulizija ghalhekk kienu talbu lill-Anthony Calleja jitlob lil Grogan ghall- ghoxrin sabuna raza kannabis (ta' mija u hamsin grammi kull wahda) u Grogan wiegeb li seta' jaqdih dsatax-il sapuna raza. Supretendent Ciappara talab lil Calleja jitlob lil Grogan ghal kampjun tas-sapuna u Grogan flimkien ma certu Neville Mamo, kien kkonsenja lil Calleja tali kampjun fit-8 ta'Jannar 2010.

Supretendent Ciappara xhed li il-konsenja tad-droga kollha kellha ssir fl-10 ta' Frar, fil-Festa ta' San Pawl f'*garage* Birkirkara tal-istess Calleja. Hin minnhom, tfaccaw Luke Muscat u huh u ghalhekk il-Pulizija ghamlu r-*raid* taghhom u l-arresti u ttiehdu il-proceduri kriminali.

Supretendent Ciappara xhed li Calleja kien xhed quddiem il-Magistrat Clarke fl-inkjesta, kif ukoll waqt il-kumpilazzjoni u ezebixxa x-xhieda ta' Calleja – Dok. CC1 kif ukoll x-xhieda tieghu (Supretendent Calleja), Spettur Victor Aquilina u Spettur Johann Fenech Dok. CC2.

Supretendent Ciappara xhed illi kien qed jmexxi il-*controlled delivery* ta' dsatax-il sapuna raza kannabis minn Grogan u Muscat lil Anthony Calleja, u dana bl-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Magistrat Doreen Clarke datata 20 ta' Jannar 2010 – Vide Dok JFI a fol. 31.

Supretendent Ciappara kkonferma li Anthony Calleja kien kolpit bi *freezing order* u l-flus ghad-droga, tlettax –il elf Ewro (€13,000) kienu l-flus awtorizzati mill-Kummissarju tal-Pulizija (Vide fol. 42) liema flus inghataw lil Calleja ghal *controlled delivery.* Il-flus inghataw lil

Calleja sabiex juri li fil-fatt kellu il-*cash* fil-pussess tieghu l-altrimenti d-droga ma kienitx tigi konsenjata. Supretendent Ciappara xhed illi l-flus wasslu fid-9 ta' Frar 2010 stante li ma setghux jakkwisawhom fl-10 ta' Frar (data tal-*controlled delivery*) ghaliex kienet festa. Dan gie konfermat mix-xhieda li Anthony Calleja ta fl-inkjesta quddiem il-Magistrat Doreen Clarke – (a fol. 46) u kkonferma l-istess xhieda fil-kumpilazzjoni quddiem Magistrat illum Mhallef Miriam Hayman – Vide fol. 318 – 326, mix-xhieda ta' Supretendent Ciappara, Spettur Victor Aquilina u Spettur Johann Fenech fil-kompilazzjoni jinsabu a fol. 326 sa 335 – Vide ukoll kopja tal-istess xhieda Dok. CC2 a fol. 48 et seq.

Fix-xhieda tieghu Henry Grogan a fol. 69, wara li nghata t-twissija mill-Qorti, xhed, illi kien ilu jaf lil Anthony Calleja, maghruf bhala il-Belti, ghal sentejn qabel il-kaz (qabel 10 ta' Frar 2010). Grogan xhed illi kien sar jafu Hal Balzan fejn il-bandli. F'okkazzjoni wahda Calleja kien mar hdejh u offrielhu nifs minn *joint*, u qallu li jbiegh l-*ismoke* u li jekk jkun irid l-*ismoke* kellu jinformah – (fol. 71).

Grogan xhed illi in segwitu, beda jixtri bicciet ta' raza kannabis minn ghand Calleja . Grogan xhed illi Anthony Calleja kien jarma bil-*van* tal-haxix il-Hamrun fejn il-*football ground* u hu (Grogan) kien jghaddi minn hemm ta' spiss biex jmur d-*Detox Centre*. Grogan xhed illi darba fost l-ohrajn, Calleja kien waqqfu u talbu ghoxrin sapuna tal-kannabis. Grogan rrisponda *"t'ghoxrin sapuna lili qed tghid, meta jiena nixtri minghandek, nixtri bicciet zghar minghandek."*

Grogan xhed illi Calleja baqa' jcempillu u jiffittah u wara xi zmien qallu li kellu bzonn ikellmu. Grogan mar il-Hamrun u Calleja qallu li kellu tlettax –il elf Ewro (€13,000) *cash* lesti. Grogan xhed illi dak iz-zmien ma kienx jahdem u x'hin sema dan il-kliem, baqa' ccassat (a fol. 74). Grogan xhed illi xi zmien wara kien qed jitkellem ma Neville Mamo illi kienu jpejjpu xi *joint* flimkien u qallu bl-istorja kollha. Grogan xhed illi kien biss meta ssemma l-ammont konsiderevoli ta' flus tlettax –il elf Ewro ( €13,000) li ddecieda li jaghmel xi haga dwar t-talba ta' Calleja ghal dsatax-il sapuna ta' raza tal-kannabis.

In kontro-ezami, Grogan xhed illi kien ltaqa ma Calleja l-bandli ta' Hal-Balzan, qabdu jitkellmu. Calleja kien qed ipejjep *joint* u offrielhu zewg nifsijiet (a fol. 76). Grogan xhed illi ghalkemm gieli ha xi nifsijiet ta' *joint,* qatt qabel ma kien xtara raza tal-kannabis u li l-ewwel li xtara raza kienet minghand Calleja. Mitlub mill-Qorti jghid 'l ghaliex kien jmur jiehu l-Methadone d-*Detox Centre*, Grogan ghazel li ma jirrispondix.

Grogan xhed ukoll, illi l-ewwel darba li Calleja kien staqsih ghal-ghoxrin (20) –il sapuna kannabis kien xi tlett xhur qabel l-10 ta Frar 2010 fil-Hamrun. Grogan xhed illi wara xi jumejn kien semmielu tlettax –il elf Ewro (€13,000). Grogan xhed illi Calleja baqa' jcempillu u semmielu t-tlettax –il elf Ewro (€13,000). Grogan xhed li meta sab lil xi hadd li seta' jaqdih, kien cempel lil Calleja fuq il-*mobile phone* u ftehmu fuq il-post.

Luke Muscat a fol. 84A et seq, wara li nghata t-twissija minn din il-Qorti xhed illi kien jaf lil Neville Mamo ta' sbatax-il sena minn B'Kara, ghaliex kienu jiltaqghu fejn il-bandli. Muscat xhed illi hu u Mamo gieli pejpu *joint* flimkien b'dana li, gieli kien igib l-*ismoke* hu (Muscat) u gieli Mamo.

Mamo darba minnhom staqsih jekk setghax jakkwista ghoxrin –il sapuna raza kannabis u Muscat infaqa' jidhaq meta sema dan , izda Mamo qallu li urewh il-flus u li "*kien hemm lira qliegh fiha*"(a fol. 84C). Ghalhekk Muscat sfidah biex jurih il-flus, u Calleja (il-Belti) fil-fatt urih hmistax-il elf Ewro (€15,000) fi flus kontanti.

Muscat xhed illi dak iz-zmien kien qieghed hazin mill-flus. Minghajr il-veduta tal-flus, Muscat xhed, li ma kienx jasal biex jkellem lil Neville Mamo (a fol. 84F).

In kontro-ezami Muscat xhed li hu ilu jaf lil Neville mill-iskola u kienu ilhom jiffrekwentaw il-bandli xi sena u nofs u kienu jiehdu ammonti zghar ta’ kannabis.

Huwa stqarr li thajjar meta ra il-hmistax-il elf Ewro (€15,000) u sar jaf li Calleja ma kienx qed jibluffja u li kienu ser jaghmlu qliegh ta’ elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) kull wiehed. Luke Muscat ma kienx jaf jekk d-difiza ta’ provokazzjoni mill-Pulizija tqajmietx quddiem il-Qorti Kriminali.

**Ikkonsidrat:**

It-talba tar-rikorrenti hi fis-sens illi huma m’humiex ser ikollom smiegh xieraq kif prottett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex huma gew indotti jew instigati mill-Pulizija biex iwettqu ir-reati ta’ traffikar tad-drogi, reati li altrimenti ma kienux ser jigu kommessi minnhom.

Il-kuncett t’*entrapment* u l-Agent Provokatur huma mfissra tajjeb fi*”**Wharton’s Criminal Evidence”*** *:*

> ***“it is clear that traps may be laid and that artifice and stratagem may be employed to catch those engaged in criminal enterprises. But when a law enforcement officer induces an innocent person to commit a crime that otherwise would never had been committed, the defence of entrapment would be available in the event that the actor were prosecuted thereof. The distinction has been aptly perceived***

> ***thus, "It is not the entrapment of a criminal upon which the law frowns but the seduction of innocent people into a criminal career by its officer is what is condemned and will not be tolerated."***

Fi l-ktieb **"Criminal Pleading, Evidence and Practice"**, Archbold jirritieni li Agent provokatur huwa persuna :

> ***"who entices another to commit an express breach of the law which he would not otherwise have committed and then proceeds to inform against him in respect of such an offence"***-Sweet & Maxwell 2001 a fol. 1532.

Il-Qorti Ewropea sabet vjolazzjoni ta' smiegh xieraq minhabba l-uzu t'Agenti Provokaturi li wassal ghall-*entrapment* fis-segwenti decizjonijiet taghha: fil-kaz **Teixeira de Castro vs Portugal** App. No. 44/1997/828/1034 deciza 9 ta' Gunju 1998, il-Qorti sabet illi kien hemm *entrapment* u konsegwentament ksur ta' smiegh xieraq 'l ghaliex l-attivita' u l-intervent tal-Pulizija wasal ghall-indottament f'reat kriminali stante li z-zewg Pulizija pajzana agixxew minghajr ebda supervizzjoni gudizzjarja u instigawh jixtri ammont sostanzjali ta' droga. Illi in oltre fil-kaz **Vanyan vs Russia** App. No. 53203/99 deciza fil-15 ta' Dicembru 2005, il-Qorti Ewropea rrizultalha *entrapment* bi vjolazzjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq, 'l ghaliex l-Pulizija fuq l-inizjattiva taghhom, qabbdu lill-infiltratur sabiex jiehu sehem f'*test purchase* bil-ghan illi jintrappola l-applikant f'reat ta' traffikar tad-droga, reat meqjus li qatt ma kien isehh minghajr l-istigazzjoni tal-infiltratur - Vide ukoll **Khudobin vs Russia** App. No. 59696/00 deciz 26 t'Ottubru 2006. Fis-sentenza **Ramanauskas vs Lithuania** App. No. 74420/01, deciz mill-

Grand Chamber fil-5 ta' Frar 2008, il-Qorti Ewropea sabet illi kien sehh *entrapment* bi ksur ta' smiegh xieraq ghaliex kienet il-Pulizija li ghamlet l-ewwel kuntatt u hajret lill-prosekutur jacetta tixhima u li, minghajr l-intervent tal-Pulizija, r-reat qatt ma kien isehh. Hekk ukoll, il-Qorti Ewropea sabet illi kien gie prattikat *entrapment* tali li jivvjola d-dritt ta' smiegh xieraq fil-kaz **Veselov and others vs Russia** App. No. 23200/10 24009/07 556/10 decizi fit-2 t'Ottubru 2012, l-ghaliex l-informatur li indika l-applikant Veselov, kien ta' spiss jahdem t'*undercover agent* mal-Pulizija, u l-Qorti sabet illi kien hemm nuqqasijiet strutturali tant li ma jipprovdux ghal salvagwardji kontra l-instigazzjoni jew provokazzjoni mill-Pulizija.

Ghal kuntrarju il-Qorti Ewropea sabet illi **ma kienx sehh *entrapment*** u ghaldaqstant ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq fejn kien l-applikant hu stess, li mar fuq informatur tal-Pulizija biex iwettaq konsenja ta' flus foloz – Vide **Radermacher and Pferrer vs Germany** deciza 11 t'Ottubru 1990; fejn l-applikant kien volontarjament ikkuntattja lill-infiltratur tal-Pulizija (f'operazzjoni kongunta bejn il-Pulizija Taljana u dik Tedeska) u organizza x-xiri tad-droga u wera lilu nnifsu bhala involut f'organizzazzjoni internazzjonali ta' traffikanti tad-droga- Vide ukoll **Calabro vs Italy and Germany** deciza fil-21 ta' Marzu 2002; fejn l-applikant kien f'diskussjonijiet ma informatur tal-Pulizja biex tigi importata droga eroina fil-Portugal u l-Qorti qieset li ma kienx l-informatur li pprovoka l-kummissjoni tar-reat – Vide **Sequiera vs Portugal** deciza 6 ta' Mejju 2003; fejn l-Agent Provokatur kien gurnalista kompletament indipendenti mill-Pulizija li hajjar lill-applikant ghat-twettiq tar-reat – Vide **Shannon vs United Kingdom** deciza 6 t'April 2004; u fejn l-inizjattiva kienet gejja minn individwu privat – Vide **Miliniene' vs Lithuania** App No. 74355/01 deciza fl-24 ta' Gunju 2008.

Illi fl-isfond tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, (ghalkemm kull kaz irid jigi evalwat fl-isfond tal-provi prodotti) din il-Qorti tqis li l-linja ta' dimarkazzjoni bejn ghemil tal-Pulizija legittimu u *entrapment,* huwa mfisser b'mod l-iktar artikolat fis-sentenza **Regina vs Loosely House of Lords** [2001] UKHL 53 deciza fil-25 t'Ottubru 2001 :

> ***"Accordingly, one has to look elsewhere for assistance in identifying the limits to the types of police conduct which, in any set of circumstances, are acceptable. On this a useful guide is to consider whether the police did no more than present the defendant with an unexceptional opportunity to commit a crime. I emphasise the word unexceptional. The yardstick for the purpose of this test is, in general, whether the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances. Police conduct of this nature is not to be regarded as inciting or instigating crime, or luring a person into committing a crime. The police did not more than others could be expected to do. The police did not create crime artificially."***

Ghaldaqstant fuq il-linji gwida tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u fuq l-insenjament tar-**Regina vs Loosely** (Ibid) din il-Qorti sejra tezamina l-fatti tal-kaz sabiex jigi determinat jekk kemm –il darba l-agir jew l-ghemil tal-Pulizija kienx tali li jwassal ghall-*entrapment* bi ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq. Ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina:

1. Jekk fil-mument li giet entromessa l-Pulizja kienx hemm ir-rieda tar-rikorrenti li jwettqu r-reat ta' traffikar tad-droga;

2. Jekk l-Agent Provokatur gie minn jeddu jghaddi l-informazzjoni lill-Pulizija o meno;

3. Jekk l-intervent tal-Pulizija kien fattur deciziv li wassal ghal kummissjoni tar-reat;

4. Jekk l-operazzjoni tal-Pulizija kienitx bl-awtorita' u taht l-isktrutinju tal-Awtorita' Gudizzjarja;

5. Jekk kienx hemm xi fatturi li jindikaw li r-rikorrenti gew prezentati b'opportunita' eccezzjonali jew straordinarju biex iwettqu r-reat.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti fil-kaz odjern jirrizulta illi kien l-avukat difensur ta' Anthony Calleja li avvicina Supretendent Ciappara u informah li l-klijent tieghu, Anthony Calleja, kellu informazzjoni dwar terza persuna u traffikar tad-droga.

Illi fl-**20 ta' Jannar 2010** Anthony Calleja zvela lis-Supretendent Ciappara li r-rikorrenti Grogan kien avvicinah biex ibieghlu r-raza tal-kannabis.

Illi l-provi juri li Anthony Calleja u Henry Grogan kienu jafu lil xulxin madwar sentejn qabel id-data tal-arrest – fl-**10 ta' Frar 2010** . Kienu jiltaqghu regolarment fejn il-bandli ta' Hal Balzan ipejpu il-kannabis flimkien b'Calleja ibiegh id-droga lil Grogan.

Jirrizulta ukoll li minkejja li l-informazzjoni ta' Calleja dahhlet ghand il-Pulizja fl-**20 ta' Jannar 2010**, Grogan jistqarr fix-xhieda quddiem din il-Qorti, illi t-talba ghall-ghoxrin –il sapuna raza tal-kannabis maghmula minn **Calleja sehhet *"bejn wiehed u iehor xi tlett xhur qabel il-kaz"*** Vide xhieda ta' Grogan a fol. 79. Dan ifisser li r-rikjesta ghal dan l-ammont ta' droga saret f'**Novembru 2009.**

Jirrizulta wkoll li Grogan kien jghaddi minn hdejn Anthony Calleja (li kien jarma bil-haxix il-Hamrun) ghaliex Grogan kien jiehu l-Methadone mid-Detox Centre.

Jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' Grogan u Luke Muscat li d-diskussjonijiet fuq dawn id-drogi kienu ilhom ghaddejin sa minn tlett xhur qabel l-arrest taghhom fi **Frar 2010.**

Il-provi juri li fit-**8 ta' Frar 2010** Anthony Calleja kien cempel lil Grogan biex jixtri ghoxrin sapuna raza tal-kannabis u li **dak il-hin stess**, Grogan kien irrispondih illi kellu biss dsatax-il sapuna. Il-Qorti taccenna ghal-fatt illi l-Pulizija ghaddew il-flus lill-Anthony Calleja fid-**9 ta' Frar 2010,** u cioe' gurnata qabel l-arrest tar-rikorrenti.

Fl-istess gurnata fid-**9 ta' Frar 2010** Calleja u Grogan ftiehmu sabiex jiltaqghu u fil-fatt ltaqghu fil-*garage* ta' Calleja, sabiex Grogan jghaddi kamjun lil Calleja, u dakinhar Grogan kien gie akkompanjat minn Neville Mamo.

Luke Muscat kif jammetti fix-xhieda tieghu sfida lil Calleja sabiex jurih il-flus u Calleja ghamel dan fil-*garage* tieghu f'Birkirkara.

Anthony Calleja ftiehem ma Grogan li jurih il-flus fl-**10 ta' Frar 2010** u hekk gara u kif Grogan ra l-flus, cempel lil xi nies u informa lil Calleja li l-konsenja ta' dsatax –il sapuna raza tal-kannabis kienet lesta li ssir dakinhar aktar tard, kif fil-fatt gara bil-wasla ta' Henry Grogan, Neville Mamo, Luke u Alan Muscat u b'Henry Grogan jghaddi s-dsatax –il sapuna raza tal-kannabis lill-Anthony Calleja u dana kollu sar taht is-sorveljanza tal-Pulizija bl-awtorizzazzjoni u taht l-iskrutinju tal-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke li awtorizzat il-*controlled delivery* ai termini tal-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101, fl-**20 ta' Jannar 2010 –**Vide Dok. JF1 a fol. 31.

Mill-fatti fuq esposti, b'mod partikolari ghall-kronologija tal-istess fatti, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tikkondividi mat-tezi tar-rikorrenti illi r-reati li bihom jinstabu mixlija r-rikorrenti kienu sehhu b'rezultat t'instigazzjoni mill-Pulizija. Dan qieghed jinghad ghaliex jirrizulta mix-xhieda tal-istess rikorrenti, illi huma kienu ilhom jippjanaw dan ir-reat ta' traffikar tad-droga sa minn **Novembru 2009** dana mifhum li l-Pulizija inghatat l-informazzjoni biss fl-**20 ta' Jannar 2010.**

Jirrizulta ampjament li Anthony Calleja kien **avvicina lill Pulizija minn rajh u b'mod volontarju fl-20 ta' Jannar 2010.**

Jirrizulta mill-provi illi t-telefonata ta' Calleja **bhala l-inizju** tal-*controlled delivery* saret biss fit-**8 ta' Frar 2010,** saret il-konsenja tal-kampjun fid-**9 ta' Frar 2010** u fl-istess gurnata u l-ghada **10 ta' Frar 2010** sehhet it-turija tal-flus. **Aktar tard fl-istess gurnata – 10 ta' Frar 2010,**wara telefonata, Grogan gab in-nies tieghu ghal konsenja innifisha ta' dsatax-il sapuna raza tal-kannabis.

Ghalhekk il-provi juru illi l-Agent Provokatur kien cittadin u mhux infiltratur imqabbad mill-Pulizija fuq inizjattiva taghhom; l-informazzjoni kienet wahda moghtija volontarjament; il-*controlled delivery* saret bil-permess u taht l-iskrutinju tal-Magistrat Inkwirenti u jidher illi din id-*deal* ta' traffikar ta' droga kannabis kienet ilha **mahsuba u ppjanata sa minn tlett xhur** qabel id-data tal-arrest u cioe' qabel l-**10 ta' Frar 2010** – certament qabel d-data t'informazzjoni lill-Pulizija fl-20 ta' Jannar 2010. Ghalhekk l-intervent tal-Pulizija ma kienx fattur decisiv li wassal ghal kwistjoni tar-reat.

Din il-Qorti mbaghad ezaminat il-provi sabiex tevalwa jekk kemm-il darba kienux jirrizultaw, fatturi li jindikaw illi kien hemm xi **opportunita' eccezzjonali** moghtija lir-rikorrenti li

ghelbet ir-rieda tar-rikorrenti – cioe' jekk ir-rikorrenti kienux ipprezentati bi *"an unexeptional opportunity to commit a crime."*

Dan il-fattur huwa palezament nieqes. Ma ngiebet ebda xrara t'evidenza li turi perezempju li r-rikorrenti gew moghtija xi prezzijiet extraordinarji ghad-drogi inkwistjoni; jew li d-droga kienet ta' purita straordinarja; jew xi cirkostanza ohra li tindika li r-rikorrenti kienu ser jigu skolpiti minn kull htija**; jew xi cirkostanza simili li jaghmilha difficli ghal persuna ordinarja li teghleb it-tentazzjoni**.

Xejn minn dan ma jirrizulta mill-provi ta' din il-kawza, mill-atti annessi tal-kumpilazzjoni u mill-att tal-Inkjesta Magisterjali. Il-fatt li r-rikorrenti gew murija l-flus (ftit aktar minn hamest elef liri Maltin fejn il-qliegh kien ser ikun cirka ghal elf liri Maltin ghal kull rikorrent) m' hijiex cirkostanza straordinarja altrimenti kull impjegat tal-bank jista' jigi skolpit minn kwalunkwa serqa li jista' jikkometti mill-banek ta' Malta, ghaliex ebda Qorti ma tkun tista' takkorda smiegh xieraq.

Illi minkejja li l-Qorti tifhem li jikkonkorru fil-kaz odjern, l-intempestivita' tal-azzjoni odjerna in vista tal-fatt li l-kaz quddiem il-Qorti Kriminali ghadu pendenti – (Vide **Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Marzu 2011); minkejja illi l-Qorti taghraf ukoll illi kien hemm rimedji ohra li r-rikorrenti ma pprevalixxewx rwiehom minnhom, inkluz li jqanqlu eccezzjoni preliminari ai termini tal-Artikolu 438(2) tal-Kapitolu 9 quddiem dik l-istess Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma illi dan ma jipprekludix lil din il-Qorti tezamina l-kaz fil-meritu u dan sar ukoll sabiex il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali ma jigux incampati.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Avukat Generali, minkejja li fir-rikors promotur r-rikorrenti ma fissrux la b'modd preciz wisq anqas b'modd reboluz, il-fatti li minnhom inholoq l-ilment Kostituzzjonali, l-Qorti taghraf illi dan in-nuqqas ma jimportax

mieghu xi nullita' u l-intimat inghata opportunita' shiha biex jirribatti u jiddefendi l-kaz tieghu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti waqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat, tilqa l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat, tichad t-talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara li ma sehh ebda *entrapment* fil-*controlled delivery* koncernata u li ma jirrizulta ebda lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti skond Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ma rrizulta ebda lezjoni ta' dritt kontemplat taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------